# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2016**

**Numru**

**Rikors kostituzzjonali numru 33/2006 AE**

**Tarek Mohammed Ibrahim**

**v.**

**Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern u Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates**

1. Dan il-provvediment huwa dwar talba magħmula mill-attur b'rikors tad-9 ta' Ottubru 2015 sabiex din il-qorti tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ["il-Qorti tal-Ġustizzja"] mistoqsija għal deċiżjoni preliminari taħt l-art. 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ["TFUE"]. Il-mistoqsija li l-attur irid li titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja hija dwar "l-

interpretazzjoni u applikazzjoni korretta tal-liġi tal-Unjoni" dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: l-attur igħid illi meta huwa żżewweġ mara maltija fl-1998 huwa irrinunzja għaċ-ċittadinanza eġizzjana li kellu biex kiseb ċittadinanza maltija. Iċ-ċittadinanza maltija tneħħietlu fl-2005 u, billi deherlu li dan kien bi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"], l-attur fetaħ din il-kawża kostituzzjonali tallum biex ifittex rimedju.

3. Bir-rikors tad-9 ta' Ottubru 2015 li dwaru qiegħed jingħata dan il-provvediment tallum, l-attur kompla fisser illi meta Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea fl-2004 huwa kiseb "ċittadinanza sħiħa ewropea" bid-drittijiet li jagħti l-art. 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea ["il-Karta"]. It-tneħħija taċ-ċittadinanza maltija fl-2005, fil-fehma tal-attur, "tippreġudikalu l-i*status* tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea". Jgħid illi dan huwa bi ksur tal-art. 10 tat-TFUE u għalhekk iqanqal "kwistjoni dwar l-interpretazzjoni" tat-Trattat li din il-qorti hija marbuta li tirreferi lill-Qorti tal-Ġustizzja taħt l-art. 267 tat-TFUE. Għalhekk talab illi din il-qorti "jogħġobha tordna li tiġi fformulata l-mistoqsija li hemm il-ħtieġa li tiġi riferita lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni

Ewropea għal riferenza preliminari fuq l-interpretazzjoni u applikazzjoni korretta tal-liġi tal-Unjoni in materja".

4. Il-konvenuti wieġbu fid-19 ta' Ottubru 2015 u opponew għat-talba għax igħidu li li ma hemm l-ebda liġi li tirregola l-għoti u t-tneħħija taċ-ċittadinanza tal-Istati Membri tal-Unioni Ewropea għax kwistjonijiet ta' ċittadinanza jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri.

5. Il-qorti tibda billi tosserva illi, kif sewwa jgħidu l-konvenuti fit-tweġiba tagħhom, l-attur kien għamel l-istess talba b'rikors tas-16 ta' Marzu 2012 quddiem din il-qorti li kienet ċaħdet it-talba b'dikriet tat-30 ta' April 2012 "peress illi l-kawża preżenti hija purament waħda kostituzzjonali, u l-kwistjonijiet ta' ċittadinanza huma ta' kompetenza tal-Istat Malti". B'nota tat-8 ta' Mejju 2012 l-attur kien stqarr illi d-dikriet "mhuwiex korrett u għandu jiġi revokat *contrario imperio*" u din it-talba wkoll ġiet miċħuda b'dikriet tal-14 ta' Mejju 2012 għax "intempestiva". L-attur issa reġa' ressaq l-istess talba bir-rikors tad-9 ta' Ottubru 2015.

6. Għalkemm is-sitwazzjoni legali baqgħet l-istess kif kienet meta ngħata d-dikriet tat-30 t'April 2012, u dan il-fatt waħdu kien ikun biżżejjed biex terġa' tiġi miċħuda l-istess talba, il-qorti għall-kompletezza sejra terġa' tqis aktar fil-fond l-argumenti tal-attur.

7. L-artikolu 267 TFUE jgħid illi referenza preliminari tista', u quddiem qorti tal-aħħar grad għandha, issir biss meta quddiem

qorti nazzjonali tqum kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tat-Trattati jew dwar il-validità jew l-interpretazzjoni ta' atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni. Fil-każ tallum l-azzjoni quddiem din il-qorti hija dwar allegazzjoni ta' ksur ta' dritt imħares taħt il-Konvenzjoni (li ma hijiex att tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni) minħabba t-tħaddim tal-liġi dwar iċ-ċittadinanza, li hija liġi domestika, u mhux minħabba t-tħaddim ta' liġi tal-Unjoni Ewropea, jew, għall-inqas, it-tħaddim ta' liġi li timplimenta liġi tal-Unjoni. Huwa paċifiku illi kwistjonijiet dwar iċ-ċittadinanza huma kompetenza tal-Istati Membri u mhux tal-Unjoni.

8. L-attur iżda jgħid illi "t-tneħħija taċ-ċittadinanza maltija tikkontrasta mal-liġi tal-Unjoni Ewropea, senjatament il-prinċipju ta' proporzjonalità". Dwar il-prinċipju ta' proporzjonalità fil-kuntest ta' tneħħija ta' ċittadinanza l-Qorti tal-Ġustizzja kienet qalet hekk fil-każ ta' Janko Rottman *v.* Freistaat Bayern[1]:

> »54 … … … il-kunsiderazzjonijiet dwar il-leġittimità, bħala prinċipju, ta' deċiżjoni ta' revoka tan-naturalizzazzjoni minħabba manuvri frawdolenti bħala regola jibqgħu validi meta t-tali revoka għandha bħala konsegwenza l-fatt li l-persuna kkonċernata titlef, barra ċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ta' naturalizzazzjoni, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni.
>
> »55 Madankollu, f'każ bħal dan, il-qorti tar-rinviju għandha tivverifika jekk id-deċiżjoni ta' revoka inkwistjoni fil-kawża prinċipali tosservax il-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-konsegwenzi ta' din l-aħħar deċiżjoni fuq il-persuna kkonċernata skont id-dritt tal-Unjoni, minbarra, jekk ikun il-każ, l-eżami tal-proporzjonalità ta' din id-deċiżjoni skont id-dritt nazzjonali.

1 2 ta' Marzu 2010, C-135/08.

»56 Għaldaqstant, minħabba l-importanza li d-dritt primarju jagħti lill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni u fir-rigward tal-telf tad-drittijiet li kull ċittadin tal-Unjoni jibbenefika minnhom, għandhom jitqiesu, meta ssir eżaminazzjoni [*sic*] ta' deċiżjoni għar-revoka tan-naturalizzazzjoni, il-konsegwenzi eventwali li din id-deċiżjoni jkollha fuq il-persuna kkonċernata u, jekk ikun il-każ, fuq il-membri tal-familja tagħha f'dak li jikkonċerna t-telf tad-drittijiet li jgawdi kull ċittadin tal-Unjoni,. F'dan ir-rigward għandu jiġi vverifikat, b'mod partikolari, jekk din it-telfa hijiex iġġustifikata meta mqabbla mal-gravità tal-ksur imwettaq minnha, iż-żmien li għadda bejn id-deċiżjoni tan-naturalizzazzjoni u d-deċiżjoni tar-revoka kif ukoll il-possibbiltà li l-parti kkonċernata terġa' tirkupra ċ-ċittadinanza oriġinali tagħha.

»57 Fir-rigward b'mod partikolari ta' dan l-aħħar aspett, Stat Membru li ċ-ċittadinanza tiegħu nkisbet b'mod frawdolenti ma jistax jitwaqqaf, skont l-Artikolu 17 KE, milli jirrevoka n-naturalizzazzjoni għar-raġuni biss li l-persuna kkonċernata ma rkupratx iċ-ċittadinanza tal-Istat Membru oriġinali tagħha.

»58 Madankollu, il-qorti nazzjonali għandha tevalwa jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità jitlobx li, qabel it-tali deċiżjoni ta' revoka tan-naturalizzazzjoni tidħol fis-seħħ, il-persuna kkonċernata tingħata terminu raġonevoli sabiex tkun tista' terġa' tirkupra ċ-ċittadinanza tal-Istat Membru oriġinali tagħha.

»59 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda u l-ewwel parti tat-tieni domanda għandha tkun li d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 17 KE, ma jipprekludix lil Stat Membru milli jirrevoka lil ċittadin tal-Unjoni ċ-ċittadinanza ta' dan l-Istat Membru miksuba bin-naturalizzazzjoni meta din tkun inkisbet b'mod frawdolenti, sakemm din id-deċiżjoni ta' revoka tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità.«

9. Jekk tħarisx jew le l-prinċipju ta' proporzjonalità hija kwistjoni ta' fatt u mhux interpretazzjoni ta' liġi, u għalhekk ma tistax tkun materja ta' deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja. Kif qalet l-istess qorti fil-para. 55 tas-silta miġjuba fuq, hija l-qorti nazzjonali illi "għandha tivverifika jekk id-deċiżjoni ta' revoka inkwistjoni fil-kawża prinċipali tosservax il-prinċipju ta' proporzjonalità" għax

dik il-verifika ta' fatt ma taqax fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

10. Fl-aħħarnett, din il-qorti tosserva wkoll illi li kieku l-meritu tal-kawża tallum kienet jekk it-tneħħija taċ-ċittadinanza hijiex bi ksur tal-liġi tal-Unjoni, il-kwistjoni kien ikollha tinġieb quddiem qorti ta' kompetenza ċivili, ordinarja, u mhux quddiem qorti ta' kompetenza kostituzzjonali, għax il-kwistjoni tkun tolqot interpretazzjoni ta' liġi li ma hijiex il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni. Il-liġi ewropea titqies liġi ordinarja għall-għanijiet ta' kawża kostituzzjonali; li ma kienx hekk kull kawża fejn tapplika l-liġi ewropea kienet tinġieb quddiem qorti ta' kompetenza kostituzzjonali u mhux, kif jiġri u kif għandu jkun, quddiem qorti ta' kompetenza ordinarja. Għalhekk, li kieku kienet applikabbli l-liġi ewropea fil-każ tallum, l-attur ma kienx ikun jista' jressaq din il-kawża qabel ma jkun fittex, qudiem qorti ta' kompetenza ordinarja, ir-rimedji kollha li tagħtih il-liġi ewropea.

11. Kif ingħad, iżda, il-kawża tallum hija dwar jekk it-tħaddim ta' liġi domestika jiksirx dritt imħares taħt il-Konvenzjoni, u mhux dwar interpretazzjoni jew applikazzjoni ta' liġi tal-Unjoni.

12. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti terġa' tiċħad it-talba tal-attur, magħmula din id-darba bir-rikors tad-9 ta' Ottubru 2015, li l-qorti tqisu wieħed li joqrob ħafna lejn il-vessatorju u maħsub biss biex

jostakola l-proċeduri u jtawwal għalxejn il-kawża, u għalhekk jixraqlu ċ-ċanfira tal-qorti.

13. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom l-attur Tarek Mohammed Ibrahim.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df